

## DEĊIJONIJIET

### DEĊIJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/1671

**tal-4 ta' Ottubru 2019**

**dwar il-ħatra tal-Viċi President tal-Bord Superviżorju tal-Bank Ċentrali Ewropew**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompeti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 26(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Fil-15 ta' Ottubru 2013 il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 1024/2013, li jikkonferixxi kompeti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu.
- (2) L-ippjanar u l-eżekuzzjoni tal-kompeti kkonferiti lill-BĊE għandhom jitwettqu b'mod sħiħ mill-Bord Superviżorju tiegħu, li hu magħmul mill-President, il-Viċi President u erba' rappreżentanti tal-BĊE, kif ukoll rappreżentant wieħed tal-awtorità kompetenti nazzjonali f'kull Stat Membru parteċipanti.
- (3) Il-Bord Superviżorju huwa korp essenzjali fit-twettiq tal-kompeti superviżorji mill-BĊE. Għaldaqstant, ir-Regolament (UE) Nru 1024/2013 ta lill-Kunsill is-setgħa li jaħtar il-President u l-Viċi President tal-Bord Superviżorju.
- (4) Fil-11 ta' Frar 2014 il-Kunsill ġħatar l-ewwel Viċi President tal-Bord Superviżorju permezz tad-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni 2014/77/UE (²). Il-mandat tal-ewwel Viċi President tal-Bord Superviżorju ntemm fil-11 ta' Frar 2019.
- (5) F'konformità mal-Artikolu 26(3) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013, il-BĊE, wara li sema' lill-Bord Superviżorju, għandu jippreżenta lill-Parlament Ewropew proposta għall-ħatra tal-Viċi President tal-Bord Superviżorju, li għandu jintgħażel minn fost il-membri tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE. Il-BĊE ppreżenta tali proposta fid-9 ta' April 2019, u l-Parlament Ewropew approvaha fis-17 ta' Settembru 2019,

ADOTTA DIN ID-DECİŻJONI:

### Artikolu 1

Is-Sur Yves MERSCH huwa b'dan maħtur Viċi President tal-Bord Superviżorju tal-Bank Ċentrali Ewropew mis-7 ta' Ottubru 2019 sal-14 ta' Diċembru 2020.

<sup>(¹)</sup> ĠUL 287, 29.10.2013, p. 63.

<sup>(²)</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni tal-Kunsill 2014/77/UE tal-11 ta' Frar 2014 li timplimenta r-Regolament (UE) Nru 1024/2013 li jikkonferixxi kompeti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠUL 41 tat-12.2.2014, p. 19).

**Artikolu 2**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-4 ta' Ottubru 2019.

*Għall-Kunsill  
Il-President  
K. MIKKONEN*

---